MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 86/2010

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar it-30 ta’ Dicembru, 1992 fil-Knisja tas-Samra gewwa l-Hamrun u dan kif jirrizulta mill-vera kopja ta’ l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’;
2. Illi r-rikorrenti kellha biss sittax-il sena meta zzewget;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla li jisimha D, nhar l-20 ta' Frar, 1993;
4. Illi l-partijiet huma legalment separati, u dan skond kuntratt ta' separazzjoni datat l-25 ta' Marzu, 2004, fl-atti tan-Nutar Dottor Elsa Cardona (hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B')
5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi, kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
7. Illi l-esponent taf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Talbet ghalhekk li l-konvenut intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat nhar it-30 ta' Dicembru, 1992 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikolu 19 (1) (d), (f), tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi l-konvenut baqa kontumaci f'din il-kawza;

Rat ix-xhieda tal-attrici illi qalet illi fl-ewwel seba' (7) snin ta' hajjitha kellha hafna problemi fid-dar tal-genituri taghha u dejjem tiftakar ambjent ta' glied u ghajjat. Missierha kien issawwat lil ommha u ghalhekk hija dejjem ghixet f'ambjent ta' vjolenza domestika. Il-genituri taghha ma

kienux jiehdu hsieb taghha u ta' hutha u kienu rabbewhom hutha il-kbar. L-attrici xehdet illi l-genituri taghha kellhom partners ohrajn u illi ommha u il-partner taghha kienu iddecidew illi joqtlu lil missierha u effettivament qatlu lil missierha b'daqqiet ta' arma puntata u konsegwentement ghaddew guri u wehlu sbatax (17) il-sena habs. Minhabba f'dan hi u hutha gew kostretti jitrabbew go istituti differenti u l-ahwa kollha gew separati. Hija xehdet illi fl-istitut li kienet hi kien hemm ukoll abbuz fiziku. Meta ghalqet erbaghtax (14) il-sena ommha kienet ser tohrog mill-habs u hutha il-kbar riedu jergghu jaqdu il-familja u sabu post fejn setghu jghixu kollha flimkien u hi kienet marret tghix ghand ommha, izda l-attrici xehdet illi wara sena ommha bdiet tipprostitwixxi ruhha u kienet tehodha maghha meta tiltaqa ma l-irgiel ghal dan l-iskop. L-attrici kompliet tixhed illi meta iltaqghet mal-konvenut hi kellha erbghatax (14) il-sena u hu kellu ghoxrin (20) sena. Hargu flimkien sena u nofs, izda hi kellha pjan illi titlaq mid-dar u ghalhekk iddecidiet illi tohrog tqila minn mal-konvenut. Effettivament meta kellha sebgha xhur tqala izzewget lill-konvenut u marru joqghodu ghand omm il-konvenut, izda f'dan iz-zwieg taghha kellha hafna problemi u hi u il-konvenut kienu jiggieldu ta' spiss. Il-konvenut kien jitlaq mid-dar u jaghmel xi tlett ijiem ma jirritornax. Meta it-tifla kellha tlett (3) snin l-attrici marret tahdem u kienet thalli lit-tifla ma omm il-konvenut. Hija xehdet illi l-konvenut kien missier tajjeb, izda lilha ma kienx jaghti kazha, kien ghadu ma immaturax u kien ihobb johrog u jixrob. Finalment meta ma felhitx aktar kellha titlaq minn mal-konvenut. L-attrici xehdet illi ma riditx aktar tfal minn mal-konvenut peress illi kienet taf illi z-zwieg taghhom ma kienx zwieg sod.

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xhieda illi ta il-konvenut fejn ikkollabora ix-xhieda illi tat l-attrici. Huwa ikkonferma illi l-attrici harget tqila sabiex tkun tista tahrab milli tibqa tghix ma ommha. Huwa xehed illi ma kienx ippreparat biex jizzewweg, izda ried jibqa jghix il-hajja ta' bniedem single. Ried johrog mal-hbieb u mhux joqghod id-dar bhal ragel tal-familja. Huwa ikkonferma illi kemm hu u kemm l-attrici ma riedux illi jkollhom tfal.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tghid illi l-kunsens tal-partijiet kien null u invalidu ghal xi wahda jew aktar mir-ragunijiet, skond l-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 19 (1) (d) jghid illi jekk il-kunsens tal-partijiet ikun ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga allura dak il-kunsens ivizjat iwassal ghan-nullita taz-zwieg.

Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo deciza fis-26 ta' Ottubru 2000 il-Qorti qalet hekk :

"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett."

Illi l-Ligi taghna ma tiddefinix l-obbligijiet essenzjali taz-zwieg izda il-Qrati taghna dejjem qalu illi l-obbligi essenzjali taz-zwieg huma dawn u cioe' :

*1)* L-obbligazzjoni li tirrigwarda l-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni. Illi fiz-zwieg odjern kien ikun hemm l-att taz-zwieg, izda mhux bhala bazi ta prokreazzjoni peress illi l-partijiet it-tnejn xehdu illi ma riedux tfal minn dan iz-zwieg.

*2)* L-obbligazzjoni tal-kommunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel. Illi minn ezami tal-provi prodotti il-Qorti rat illi dan l-element kien ghal kollox nieqes f'dan iz-zwieg. L-attrici kellha hajja ferm infelici meta kienet zghira, kif spjegat dettaljatament fix-xhieda taghha kollaborata wkoll mix-xhieda tal-konvenut u xehdet illi inqabdet tqila apposta sabiex tehles mill-hajja ta' infern illi kienet qeghda tghix u dana meta kellha biss sittax (16) il-sena. Il-konvenut da parti tieghu xehed illi huwa ma riedx jghix hajja ta' ragel

mizzewweg, ried jibqa jghix daqs li kieku kien ghadu single u kien mohhu biss biex johrog mal-hbieb jixrob u jiddeverti.

*3)* Il-'mutual well-being' li hija inseparabbli mill-ambjent konducenti ghat-trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied. Illi l-Qorti rat illi dan l-element ukoll ma giex sodisfatt peress illi l-partijiet ma riedux ikollhom tfal u lanqas ma kienu jghixu hajja ta' koppja mizzewga.

*4)* L-obbligazzjoni li jircievu u irabbu l-ulied fil-kuntest tal-kommunita ta' hajja mizzewga. Illi dan l-element ukoll huwa nieqes peress illi kif diga intqal qatt ma kien hemm il-kommunita ta' hajja mizzewga bejn il-partijiet u il-partijiet stess xehdu illi ma riedux tfal minn dan iz-zwieg.

Illi l-Qorti rat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali taghha.

Illi ghalhekk minkejja li ma irrizultax illi xi hadd mill-partijiet kien ibaghti minn xi anomalija psikologika fis-sens mediku u psikjatriku madanakollu fil-mument illi taw il-kunsens taghhom ghaz-zwieg il-partijiet kienu neqsin minn dik il-fakulta kritiko-estimativa u kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, kif ukoll mill-maturita afettiva presupposta ghal ghazla libera dwar dan l-oggett tal-kunsens taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ikkwotat ukoll l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 illi jghid illi z-zwieġ ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz l-eskluzzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara illi jkun inkiseb l-istess kunsens. Il-Qorti rat f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu tas-sena 2000

moghtija fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona u ohrajn.
Illi fir-rigward ta’ simulazzjoni totali u cioe eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu sabiex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat illi il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghal dak illi jirrigwarda simulazzjoni parzjali il-Qrati taghna dejjem irritenew illi l-elementi essenzjali taz-zwieg huma komunjoni tal-hajja mizzewga, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg u id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied. Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat illi l-partijiet eskludew iz-zwieg innifsu u dana peress illi gie ippruvat illi qatt ma kellhom l-intenzjoni li jghixu il-hajja taz-zwieg bhala patt illi iwassal ghall-kommunjoni tal-hajja mizzewga, ghall-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied.

Illi irrizulta, kif diga intqal, illi l-attrici mhux verament riedet tizzewweg, izda riedet tehles mill-infern illi kienet qeghda tghix fid-dar ta’ ommha. Hija kellha biss sittax (16) il-sena meta izzewget, harget tqila bl-intenzjoni li tizzewweg u tahrab mid-dar ta’ ommha u irrizulta wkoll illi l-konvenut ma riedx tfal miz-zwieg u ma kellu l-ebda intenzjoni li jghix il-hajja ta’ ragel mizzewweg, izda kien mohhu biss biex johrog mal-hbieb.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talba attrici u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-30 ta’ Dicembru 1992 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u precizament skond l-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tordna illi issir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv. Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------